# Eżami għad-Dħul fl-Ewwel Sena tal-*Junior Lyceum*

# 2005

# MALTI

# TIKTEB XEJN F’DAN L-ISPAZJU

## A. Aqra din is-silta. Wieġeb il-mistoqsijiet b’sentenzi SĦAĦ:

*(L-istudenti huma mħeġġa jiktbu pulit u bla żbalji. Dan jgħodd ukoll meta jikkupjaw minn naħa għal oħra.)*

### Iċ-Ċurkett tas-Seħer



F’jum sħun ta’ Mejju, bidwi kien qiegħed jaħsad il-qamħ fl-għalqa tiegħu. F’nofsinhar kien qed jitrejjaq b’loqma ħobż biż-żejt għad-dell tas-siġar. F’daqqa waħda lemaħ mara xiħa għakka għaddejja mit-trejqa qrib l-għalqa. Kienet isserraħ fuq bastun għax bilkemm felħet timxi. Bit-tlikki tlikki, waslet quddiem il-bidwi. Waqfet tiċċassa lejh jiekol. Ġietu ħniena minnha u bi kliem ħelu malajr stedinha: “Strieħ ftit hawn! Il-bukkun ikel li għandi naqsmuh bħal aħwa.” **(par. 1)**

Qagħdet bil-qiegħda ħdejh. Wara li kielet ħassitha aħjar. “Għall-erwieħ!” qaltlu. “Inti kont ħanin miegħi. Issa jmiss lili li nuri qalb tajba miegħek.” Minn fejn kienu wrietu mogħdija sserrep qalb l-għelieqi. Ix-xwejħa tennietlu: “Mur imxi għal jumejn tul dik it-triq qalb l-għelieqi. Fit-tarf tagħha ssib siġra li hi l-ogħla fost l-oħrajn kollha. Jekk jirnexxilek tqaċċatha jiġu fuqek żminijiet ta’ hena, ġid u barka.” **(par. 2)**



Bil-mannara fuq spalltu, il-bidwi telaq għal għonq it-triq. Wara jumejn wasal f’masġar u malajr induna liema kienet is-siġra. Daqqa wara l-oħra qaċċatha bil-mannara. Hija u tinstabat ma’ l-art waqgħu żewġ bajdiet kbar minn ġo bejta. Minn waħda taret ajkla u mill-oħra waqa’ ċurkett. L-ajkla taret lejn is-sema u għajtet: “Ilbes dak iċ-ċurkett. Jekk trid il-fortuna, dawru dawra waħda ma’ sebgħek u stqarr xewqtek. Ftakar li xewqa waħda biss tista’ tagħmel!” **(par. 3)**

Il-bidwi libes iċ-ċurkett u beda l-vjaġġ lura lejn daru. Kif beda jroxx id-dlam wasal f’raħal ċkejken. Hemm iltaqa’ ma’ bejjiegħ tal-ġojjelli. Kellu seba’ mitt sena jkun jaf kemm kien jiswa dak iċ-ċurkett. **(par. 4)**

Hekk kif qabad iċ-ċurkett f'idejh, il-ġojjellier makakk malajr qal: "Dan ma jiswa xejn!" **(par. 5)**

Il-bidwi malajr ħatfu f'idejh. "Dan jiswa aktar miċ-ċrieket kollha li għandek fil-ħanut. Meta ddawru dan iħallik tagħmel xewqa." **(par. 6)**

Il-ġojjellier malajr ġietu idea kif seta' jeħodlu dak iċ-ċurkett. "Ara," qallu, " issa inti għajjien. Kellek vjaġġ ta' strapazz. Mhux aħjar torqod għandi għal dan il-lejl?" Kielu flimkien. L-għeja kienet rikbet lill-bidwi. F'kemm trodd salib raqad. Malli ra lill-bidwi rieqed fil-fond il-ġojjellier neħħielu ċ-ċurkett minn sebgħu u daħħallu ieħor jixbhu. **(par. 7)**



Kif sebaħ il-bidwi telaq lejn daru. Il-ġojjellier għorok idejh. Ferħan se jtir malajr ried juri xewqtu maċ-ċurkett. Għalaq il-bieb tal-ħanut. Kif kien f'nofs il-kamra dawwar darba ċ-ċurkett u qal: "Kemm nixtieq li jkolli miljun biċċa deheb!" Minnufih bdew niżlin blokki tad-deheb. Dawn waqgħu fuq rasu, fuq dahru, fuq spallejh, fuq ġismu kollu. Ma kellux igawdih! Bit-toqol ta' dak id-deheb kollu l-art tal-ħanut sfrondat. Il-ġojjellier spiċċa midfun fil-kantina taħt deheb, ġebel u trab. **(par. 8)**

Malli l-bidwi wasal id-dar qal l-istorja kollha lil martu. Xejn ma kien jobsor x'għamillu l-ġojjellier. Għalkemm kien idawwar iċ-ċurkett ma' sebgħu xi għoxrin darba kuljum, qatt ma wera xewqtu. Dejjem kien jgħid: "Darb'oħra naraw!" **(par. 9)**

Imma l-ġid li raw tul ħajjithom kien xi ħaġa ta' l-għaġeb. **(par. 10)**

1. X'kien qiegħed jagħmel għad-dell tas-siġar dan il-bidwi? *(marka)*

______________________________________________

2. Għaliex ix-xwejħa kienet isserraħ fuq bastun? *(marka)*

______________________________________________

3. Liema siġra kellu jqaċċat il-bidwi ġewwa l-masġar? *(marka)*

______________________________________________

4. Għaliex taħseb li l-ajkla għandha sehem importanti fl-istorja? *(marka)*

______________________________________________

5. Kif kellu jseħħ is-seħer permezz taċ-ċurkett? *(marka)*

______________________________________________

6. Kemm xewqat seta' juri l-bidwi? *(marka)*

______________________________________________________________________

7. Għaliex taħseb li l-ġojjellier qal: "Dan ma jiswa xejn!"? *(marka)*

______________________________________________________________________

8. X'ried ifisser il-ġojjellier meta għorok idejh? *(marka)*

______________________________________________________________________

9. Għaliex taħseb li l-ġojjellier ma kienx ħaqqu jgawdi mix-xewqa li għamel? *(marka)*

______________________________________________________________________

10. Kemm-il darba wera xewqtu l-bidwi? *(marka)*

______________________________________________________________________

11. Aqta' sing taħt l-aġġettiv li jiddeskrivi l-imġiba tal-bidwi max-xwejħa: *(marka)*

(fidil, ħanin, baħnan, għajjur, miġnun)

12. Aqta' sing taħt il-qawl li jiddeskrivi l-azzjoni li għamel il-ġojjellier: *(marka)*

| | |
|---|---|
| Skond iz-zokk il-fergħa | Ma' min rajtek xebbahtek |
| Id-dnub ma jorqodx | Min m'għandux żejt fid-dlam jorqod |

*(12-il marka)*

## B. Agħti t-tifsira skond l-istorja billi timmarka ✓.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| (a) **jitrejjaq** tfisser | iterraq | | (b) **lemaħ** tfisser | Qabeż | |
| | jitfejjaq | | | ra | |
| | jiekol | | | mellaħ | |
| | isajjar | | | immira | |
| | | | | | |
| (ċ) **makakk** tfisser | moħħu jilħaqlu | | (d) **loqma** tfisser | togħma | |
| | moħħu vojt | | | ikla | |
| | moħħu maħmuġ | | | sinna | |
| | moħħu jżomm | | | biċċa | |

*(4 marki)*

## Ċ. Agħti t-tifsira li jinħtieġ.

1. xiħa għakka **(par. 1)** tfisser ______________________________

2. tlikki tlikki **(par. 1)** tfisser ______________________________

3. jroxx id-dlam **(par. 4)** tfisser ______________________________

4. ta' strapazz **(par. 7)** tfisser ______________________________

*(4 marki)*

## D. Mis-silta sib:

1. Espressjoni li tfisser **ħerqan ħafna (par. 4)** ____________________

2. Nom li jfisser **passaġġ qalb l-għelieqi (par.2)** ____________________

3. Espressjoni li tfisser **kuntent ħafna (par. 8)**____________________

4. Verb li jfisser **ċediet (par. 8)** ______________________________

*(4 marki)*

## E. Wieġeb bit-tifsira t-tajba.

1. Fit-tarf *tagħha* **(par. 2)**: *tagħha* għal xiex qed tirreferi?

______________________________________________________________

2. Fost l-oħrajn *kollha* **(par. 2)**: għal xiex qed tirreferi l-kelma *kollha*?

______________________________________________________________.

3. Il-bidwi malajr *ħatfu*. **(par. 6)** X' *ħataf*? ______________________.

4. Ma kellux *igawdih*! **(par. 8)** X'ma kellux *igawdi*? ____________________.

*(4 marki)*

## F. Kompli kif mitlub fil-parentesi.



Il-bidwi jaħdem l- ____________ (il-plural ta' **għalqa**) tiegħu biex ikabbar il-ħxejjex friski għall-ikliet tagħna. Minn ____________ Alla (kompli l-espressjoni li tfisser **minn kmieni filgħodu)** jaħdem bla ____________ (nom minn **serħ**) għal aktar minn ____________ (in-numru **12** fi kliem) siegħa kuljum. Iqalleb il-ħamrija bil-____________ (nom mill-mamma **ħarat**). B'hekk ikun ____________ (komparattiv minn **ħafif**) għalih biex ____________ (il-verb fil-preżent mill-għerq **ż-r-għ**) l-ħxejjex. Fl-istaġun ____________ (aġġettiv minn **sħana**) ibakkar kemm jista' biex jiskansa mill- ____________ (nom mill-aġġettiv **qalil**) kiefra tax-xemx sajfija. Meta jagħmlu l-maltempati fil-____________ (plural ta' **jum**) xitwin ikollu ħafna telf ta' prodotti.

*(10 marki)*

## Ġ. Ifhem is-sens tas-silta. Wara imla l-vojt b'kelma waħda.




L-għalliem kien ilu jispjega dwar il-biedja f'Malta. Għall-______________ta' l-Istudji Soċjali għandna nistudjaw taqsima ______________ l-Ambjent Ġeografiku. Qalilna li kultant nużaw il- ______________ 'agrikoltura' flok 'biedja' biex infissru dan il-qasam li ______________ l-ikel frisk. Fiż-żminijiet ______________ l-maġġoranza tal-Maltin kienu ______________ x'jieklu minn din l-industrija qadima. Il-bidwi sikwit ikollu jħabbat ______________ mal-klima kiefra ta' dawn il-gżejjer. L-ilma tax-xita naqas ħafna u s-sħana żdiedet. Nafu li ______________ ilma ma jikber xejn. Il-bidwi jrid ______________ minn fejn iġib l-ilma biex ______________ l-ħxejjex. Hawn ħafna mezzi moderni li jgħinu lill-bidwi, iżda xogħlu baqa' wieħed ta' strapazz.



*(10 marki)*

## G. Agħżel sitta (6) minn dawn l-espressjonijiet biex tkompli s-sentenzi.

| |
|---|
| bil-ġuħ, bla moħħ, bil-galbu, bla demm, bil-geddum,<br>bla nifs, bl-addoċċ, bil-ħerqa, bid-dgħajsa, bin-namra |



1. Sikwit ikollu xi ħabta bil-karozza daqskemm isuq ____________________________ .
2. Marija twiet il-lożor ____________________________ kollu u daħħlithom fl-armarju.
3. Konna qegħdin nistennew ____________________________ l-wasla tal-Papa.
4. Ġino tant kien ____________________________ li kiel kull ma sab.
5. Wasal l-iskola ____________________________ għax ġera t-triq kollha.
6. Ġaħan kien tant ____________________________ li kien jagħmel ħafna praspar.

*(6 marki)*

**GĦ. Aqra din is-silta mill-gazzetta LEĦEN IR-RAĦAL.**
**Wara kompli imla l-vojt b'kelma waħda.**




## 10 snin ilu – Inċident Misterjuż

Bħal-lum għaxar snin tfarrket xarabank fi triq lil hinn mill-fabbriki. Kien għall-ħabta tal-ħdax fi dlam taqtgħu b'sikkina. It-triq kienet baħħ, tista' toqtol u tidfen. Il-karozza kienet vojta għajr għax-xufier li nstab bla ħajja fil-kabina tal-karozza. La kien hemm xiehda u lanqas karozzi fil-qrib.

1. Dan l-inċident seħħ filgħodu?
   Le, dan seħħ ______________________________.

2. Taħseb li x-xufier tilef il-kontroll?
   Jista' ______________________________ li tilef il-kontroll.

3. Barra x-xufier, jidhirlek li fil-karozza kien hemm xi nies?
   Le, fil-karozza ma kien hemm ______________________________.

4. Hemm ħjiel li t-triq kienet mudlama?
   Iva, it-triq kienet fi ______________________________ ċappa.

5. Tgħid għamlet ix-xita dakinhar?
   Ma nafx! Forsi għamlet xi ______________________________ xita.

6. Taħseb li x-xufier qabdu n-ngħas?
   Forsi ______________________________ marret bih.

7. Taħseb li x-xufier miet mad-daqqa?
   Ma nafx! Naf li sabuh ______________________________ fuq il-post.

8. Tgħid ix-xarabank ħabtet ma' ħajt ta' fabbrika?
   Le, il-fabbriki ma kinux fil-______________________________.

*(8 marki)*

**H. Kull stampa fiha l-Mamma fit-tarf.**
**Ara l-eżempji. L-ewwel fassal il-verb meħtieġ fl-istampa.**
**Imbagħad kompli s-sentenza taħt l-istampa.**

Eż. 1




**(QAM)**

Eż. 2 L-għalliema qalet **lil Sandro biex iqum bil-wieqfa.**

**1.**




**(FETAĦ)**

L-għalliema qalet ______________________________________.

**2.**

**(GĦALAQ)**




L-għalliema qalet ______________________________________.

3.




**(ĠABAR)**



L-għalliema qalet ____________________________________________.

4.




**(QAGĦAD)**



L-għalliema qalet ____________________________________________

*(8 marki)*

## Ħ. Mill-partiċella fuq quddiem fassal is-sura t-tajba fil-vojt. Ara l-eżempju.

**Eżempju: (sa)** Morna <u>sar</u>-Rabat.

1. **(bi)** Morna l-Belt ________ mixi.
2. **(lil)** Bgħatna kartolina ________ kuġinti.
3. **(minn)** Il-lifgħa ħarġet ________ nar.
4. **(bħal)** Dan il-ktieb ________ tiegħek.
5. **(għal)** Is-sajjieda ħarġu ________ lampuki.





*(5 marki)*

*I.* **Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti.** *Żbalji ta' l-ortografija, sentenzi miktuba kif ġie ġie, kif ukoll nuqqas ta' paragrafi u punteġġjatura jtellfu l-marki. Ikteb pulit u kun immaġinattiv/a. Jekk trid tista' tagħmel użu mill-punti mogħtija.*

*(25 marka)*

1. Il-kompjuter sar parti minn ħajjitna. Nużawh fid-dar, fil-klassi u kullimkien. Ikteb dwar kif il-kompjuter sar parti minn ħajtek.
*(Għid min juża l-kompjuter; kemm hu bżonnjuż fil-ħajja tagħna; semmi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi)*



2. Intom it-tfal kontu tqattgħu ħafna ħin ħieles tilagħbu fl-arja pura fl-għelieqi. Issa f'dawn l-għelieqi ser tinbena fabbrika. Ikteb ir-raġunijiet għaliex int kontra dan il-bini u għid x'tista' tagħmel biex dan ma jsirx. *(Tista' tgħid kif kontu tgawdu; x'inhuma d-dwejjaq tagħkom illum)*



*3.* Kont fuq il-pultruna bil-ktieb f'idi. Kont qed naqra ġrajja ta' avventura. Bla ma naf kif, għajni marret bija… *(Tista' tirrakkonta xi ħlomt jew xi ħsibijiet għaddew minn moħħok meta qomt)*



4. Immaġina li int kamera tar-ritratti.
Irrakkonta ġrajjiet li tibqa' tiftakarhom.
*(Tista' ssemmi xi esperjenzi ta' ferħ, ta' niket, nies prominenti, okkażjonijiet importanti, storiċi, kulturali)*



5. Spiċċa l-komponiment b'dan il-mod.

**Minn dak in-nhar 'l hawn sirt nemmen aktar fi kliem missirijietna. Il-qawl *Kliem ix-xiħ żomm fih* kien jgħodd għall-esperjenza li għaddejna minnha jien u oħti.**

*(Irrakkonta x'ġara biex sirt temmen f'dan il-qawl Malti)*



*(25 marka)*

***Tmiem il-Karta***